**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub P-001366/2019**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 130 tar-Regoli ta’ Proċedura
**David Casa (PPE)**

Suġġett: L-applikazzjoni tar-regoli ta' Schengen mill-awtoritajiet Maltin

Wara talba mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament ta' Malta, l-uffiċċju tal-Awditur-Ġenerali ta' Malta (l-NAO jew l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika) ippubblika rapport dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet rigward il-ħruġ ta' viżi ta' Schengen mill-konsulat ta' Malta fl-Alġerija.

Ir-rapport jindika li matul il-perjodu bejn Marzu 2014 u Settembru 2015, il-persuni li waslu f'Malta mill-Alġerija u li telqu minn Malta lejn l-Alġerija ammontaw għal 5 083 u 2 664 rispettivament. Minn dawn, 3 696 persuna li waslu u 882 persuna li telqu kienu persuni li kienu qed jivvjaġġaw fuq il-bażi ta' viża maħruġa mill-konsulat.

L-NAO stabbilixxa li għal kull erba' persuni li waslu u li ppreżentaw viża maħruġa mill-konsulat, kien hemm persuna waħda li telqet. Mit-3 696 persuna li waslu, kważi 2 846 minnhom ma kellhomx biljett tat-tluq korrispondenti. Matul il-perjodu ta' verifika, ġie identifikat li mit-882 persuna li telqu kien hemm 32 każ li fihom ma kienx hemm wasla korrispondenti. Dan iqajjem mistoqsijiet serji li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà ta' pajjiżi membri oħra ta' Schengen.

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tista' tindika jekk Malta aġixxietx f'konformità sħiħa mal-obbligi tagħha bħala pajjiż membru ta' Schengen biex tiżgura r-responsabbiltà, it-trasparenza u s-serjetà meta jiġu applikati r-regoli ta' Schengen?